I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUNSILL

Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-ħarsa ġenerali lejn id-djalogu strutturat maż-żgħażagħ dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa

(2012/C 380/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

I. FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-Żgħażagħ (2010-2018) ([1]) irrikonoxxiet li ż-żgħażagħ kollha huma riżorsa għas-soċjetà u enfasizzat l-importanza li jiġi appoġġat id-dritt taż-żgħażagħ li jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' linji ta' politika li jaffettwawhom permezz ta' djalogu strutturat kontinwu maż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ.

2. Ir-Riżoluzzjoni tad-19 ta' Mejju 2011 ([2]) tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar id-djalogu strutturat maż-żgħażagħ dwar l-impjiegi fost iż-żgħażagħ, iddikjarat li l-prijorità tematika ġenerali għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ għat-tieni ċiklu ta' ħidma ta' 18-il xahar (il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2011 u l-31 ta' Diċembru 2012) hija l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ b'enfasi speċjali fuq il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika fl-Ewropa.

II. JIRRIKONOXXU LI

3. Id-Djalogu Strutturat huwa proċess axxendeti parteċipattiv u l-eżitu tat-tieni ċiklu ta' 18-il xahar huwa bbażat fuq ir-riżultati miksuba mill-konsultazzjonijiet nazzjonali matul il-Presidenza Pollakka, dik Daniża u dik Ċiprijotta, kif ukoll il-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażagħ f'Varsavja f'Settembru 2011, f'Sorų f'Marzu 2012 u f'Nikosija f'Settembru 2012.

4. Fit-tieni ċiklu tad-Djalogu Strutturat, il-konsultazzjonijiet nazzjonali saru fis-27 Stat Membru kollha u għadd kbir ta' mexxejja żgħażagħ u persuni żgħażagħ kienu involuti direttament fil-proċess ([3]). Barra minn hekk, intlaqgħu kontributi mingħand partijiet interessati oħrajn, inkluż Organizzazzjonijiet Internazzjonali Nongovernattivi taż-Żgħażagħ.

5. Il-Kummissjoni qiegħda tadatta u tiżviluppa l-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ biex tagħmlu utli u aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha, minn madwar l-Ewropa kollha. Ġiet miżjuda taqsima mal-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ, bl-eżiti tal-Konferenzi taż-Żgħażagħ Ewropej u taqsima oħra b'informazzjoni dwar id-Djalogu Strutturat ([4]).

6. Il-prijorità speċifika għall-Presidenza Pollakka kienet li tiżdied il-kooperazzjoni bejn iż-żgħażagħ mill-Unjoni Ewropea u ż-żgħażagħ mill-pajjiżi tal-Lvant tal-Ewropa u l-Kawkasu b'attenzjoni partikolari għall-mobbiltà taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni. Kien hemm fokus ukoll fuq ir-rwol tal-promozzjoni u l-validazzjoni ta' tagħlim informali u non-formali għaż-żgħażagħ.

7. Taħt il-Presidenza Pollakka, il-Kunsill qabel li jkompli jrawwem il-kooperazzjoni fost iż-żgħażagħ bejn l-UE u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant ([5]). Matul il-perijodu 2012-2013, saru disponibbli fondi addizzjonali mill-Kummissjoni sabiex jiżdied l-għadd ta' proġetti ta' Żgħażagħ fl-Azzjoni u l-parteċipanti mis-sitt Pajjiżi Ġirien Imsieħba tas-Sħubija tal-Lvant taħt it-Tieqa għaż-Żgħażagħ fis-Sħubija tal-Lvant ([6]).

([1]) ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU C 164, 2.6.2011, p. 1.
([3]) COM(2012) 495 final Abbozz 2012 "Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ 2010-2018)".
([4]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Riżultati tal-ewwel ċiklu tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2012).
([5]) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 10.
([6]) Wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta "Rispons Ġdid għal Viċinat li Qed Jinbidel – Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat", f'Mejju 2011.

8. Il-prijorità speċifika għall-Presidenza Daniża kien it-trawwim tal-kreattività, il-kapaċità ta' innovazzjoni u t-talent taż-żgħażagħ bħala għodda għall-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà u l-impjegabbiltà akbar tagħhom fis-suq tax-xogħol. F'dan ir-rigward, il-parteċipazzjoni tqieset fis-sens ġenerali, li jinkludi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fid-demokrazija rappreżentattiva u s-soċjetà ċivili fil-livelli kollha.

9. Taħt il-Presidenza Daniża, il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jistabbilixxu grupp ta' esperti tematiku bil-parteċipazzjoni ta' esperti nazzjonali maħtura mill-Istati Membri taħt il-prinċipju tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni bl-objettiv li jiġu kondiviżi l-prassi tajba dwar kif jiġu promossi l-kreattività u l-kapaċità innovattiva taż-żgħażagħ billi jiġu identifikati l-kompetenzi u l-ħiliet miksuba permezz ta' tagħlim non-formali u informali rilevanti għall-impjegabbiltà;

10. Il-prijorità speċifika għall-Presidenza Ċiprijotta kienet li tippromwovi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ kollha, b'enfasi fuq l-inklużjoni taż-żgħażagħ bi sfond ta' migrazzjoni. It-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u taż-żgħażagħ kollha fil-ħajja soċjali u demokratika, speċjalment fit-tfassil tad-deċiżjonijiet, ġie ssottolinjat bħala fattur importanti għall-ħolqien ta' soċjetajiet inklużivi, demokratiċi u prosperi. L-għan kien li tiġi promossa l-inklużjoni taż-żgħażagħ kollha fil-ħajja soċjali u demokratika aktar ġenerali permezz tal-parteċipazzjoni attiva tagħhom.

11. Ir-Rapport Konġunt tal-UE dwar iż-Żgħażagħ li jevalwa l-progress li sar rigward l-objettivi ġenerali tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-Żgħażagħ (2010-2018) u jinkludi l-ewwel żewġ ċikli ta' ħidma tad-Djalogu Strutturat ġie adottat fis-27 ta' Novembru 2012.

III. JIEĦDU NOTA TAL-PROPOSTI LI ĠEJJIN GĦALL-IŻVILUPP ULTERJURI TAL-PROĊESS TA' DJALOGU STRUTTURAT

Il-kwistjonijiet li ġejjin ħarġu mill-proċess ta' Djalogu Strutturat:

Inklużività tal-proċess

12. Il-proċess ta' djalogu strutturat jagħti s-setgħa liż-żgħażagħ u jagħtihom l-opportunità li jkunu ċittadini attivi u parti mill-ħajja demokratika. Għalhekk iż-żgħażagħ għandhom ikunu involuti fl-istadji kollha tad-Djalogu Strutturat, mill-istabbiliment tal-prijoritajiet ta' kull Presidenza għall-monitoraġġ tas-segwitu u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-eżiti tad-djalogu. Fl-istess waqt id-deċiżjoni dwar il-prijoritajiet tibqa' fil-kompetenza tal-Kunsill u tal-Istati Membri. It-Triju tal-Presidenzi li jmiss għadhom jieħdu sehem f'konsultazzjonijiet bikrin mar-rappreżentanti taż-żgħażagħ u l-Kummissjoni Ewropea qabel ma jipproponu l-prijoritajiet tematiċi ġenerali li għandhom jiġu segwiti matul iċ-ċikli tad-Djalogu Strutturat.

13. Il-ħidma tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali għall-objettiv konġunt ta' parteċipazzjoni akbar u konsistenti taż-żgħażagħ, speċjalment minn ambjent differenti, fil-proċess ta' Djalogu Strutturat għandha tkun appoġġata. Il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali għandhom ikunu suffiċjentement inklużivi fl-għamla tagħhom biex jiġi żgurat proċess parteċipattiv li jkun miftuħ għaż-żgħażagħ kollha.

14. Il-mistoqsijiet gwida tad-Djalogu Strutturat għandhom jiġu formulati b'mod li jinftiehem bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali għal aktar żgħażagħ.

Tisħiħ tal-approċċ transettorjali

15. Għat-titjib tal-proċess ta' konsultazzjoni u l-monitoraġġ tiegħu, għandha tiġi promossa l-parteċipazzjoni ta' esperti oħrajn fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dawk Ewropew fil-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali, skont il-prijorità tematika relevanti tad-Djalogu Strutturat [1]. Barra minn hekk, ir-riżultati tad-Djalogu Strutturat għandhom jitqassmu lill-partijiet interessati transettorjali. Għandu jkun hemm rwol ċar għal riċerkaturi żgħażagħ tal-proċess.

Segwitu politiku u viżibbiltà

16. Is-segwitu politiku tar-riżultati tad-Djalogu Strutturat u l-implimentazzjoni tagħhom għandhom jitjiebu [2].

17. Ir-rabta bejn l-eżiti tad-Djalogu Strutturat u t-tfassil tal-politika fil-qasam taż-żgħażagħ fil-livell nazzjonali u dak Ewropew, għandha tiġi enfasizzata, iċċarata u komunikata aħjar mill-atturi kollha mill-bidu u matul il-proċess kollu.

18. Għandhom jittieħdu miżuri biex jissaħħu l-viżibbiltà u r-rikonoxximent tal-proċess tad-Djalogu Strutturat fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew. Il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ għandu jiġi żviluppat aktar biex titjieb il-viżibbiltà tal-proċess.

Sostenibbiltà tal-proċess

19. Il-Konferenza taż-Żgħażagħ tal-UE għandha tiġi msaħħa bħala forum għal Djalogu Strutturat bejn iż-żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u dawk kollha li jfasslu l-poltika bil-ħsieb li jintlaħqu eżiti politiċi tanġibbli. Fejn possibli, għandu jiġi promoss l-involviment tar-riċerkaturi żgħażagħ.

20. Il-Kummissjoni Ewropea, f'koordinazzjoni mill-qrib ma' partijiet interessati żgħażagħ, għandha tiżgura l-organizzazzjoni ta' djalogu mal-atturi ewlenin tad-Djalogu Strutturat bħala parti integrata tal-Ġimgħat Ewropej għaż-Żgħażagħ futuri.

[1] Skont ir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażagħ tal-2012, 6 Pajjiżi tal-UE biss għandhom ministeri nazzjonali oħrajn li għandhom rwol attiv fil-Grupp ta' Ħidma Nazzjonali.

[2] Skont ir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażagħ tal-2012, 11-il Pajjiż tal-UE ħadu inizjattivi sabiex isegwu r-riżultati tad-Djalogu Strutturat tal-ewwel ċiklu.

21. Mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali futur, għandu jiġi żgurat appoġġ sostenibbli għad-Djalogu Strutturat.

IV. JIEĦDU NOTA TAL-PROPOSTI LI ĠEJJIN BIEX TISSAĦĦAĦ IL-PARTEĊIPAZZJONI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-ĦAJJA DEMOKRATIKA FL-EWROPA

Il-punti li ġejjin li joriġinaw mir-rakkomandazzjonijiet konġunti tal-Konferenzi dwar iż-Żgħażagħ f'Varsavja, f'Sorø u f'Nikosija, tqajmu bħala oqsma ta' prijorità dwar il-prijorità prinċipali tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika.

22. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fi proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha għandha tiġi appoġġata u promossa billi jintużaw metodi u strumenti ġodda, bħall-media soċjali u l-possibbilitajiet tal-parteċipazzjoni elettronika.

23. L-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, l-istrutturi ta' informazzjoni u ta' konsulenza għaż-żgħażagħ u ħidma professjonali fost iż-żgħażagħ għandhom jiġu rikonoxxuti bħala mezzi biex jiġu żviluppati l-ħiliet u l-kompetenzi taż-żgħażagħ, speċjalment dawk b'anqas opportunitajiet.

24. Għandha titqajjem is-sensibilizzazzjoni ta' valuri komuni Ewropej permezz tal-espansjoni tad-Djalogu Strutturat għaż-żgħażagħ kollha, inklużi l-gruppi mmirati speċifiċi, bħal żgħażagħ mhux organizzati u żgħażagħ b'anqas opportunitajiet.

25. Għandu jissaħħaħ l-appoġġ tal-attivitajiet taż-żgħażagħ fil-livelli kollha li jiffokaw fuq il-parteċipazzjoni u d-djalogu interkulturali ta' żgħażagħ minn pajjiżi tal-UE u oħrajn mhux tal-UE.

26. Huwa essenzjali li jiġu stabbiliti faċilitajiet għaż-żgħażagħ immexxija minn dawk li jaħdmu fost iż-żgħażagħ, fejn iż-żgħażagħ kollha, inklużi żgħażagħ mhux organizzati u żgħażagħ b'anqas opportunitajiet, jistgħu jiltaqgħu, joħolqu u jiġu involuti fi proġetti.

V. JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U/JEW LILL-KUMMISSJONI, FL-AMBITU TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U B'KONSIDERAZZJONI DEBITA GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ BIEX

27. Jieħdu kont debitu tal-proposti t'hawn fuq li jirriżultaw mid-Djalogu Strutturat bil-għan tal-evalwazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-proċess tad-Djalogu Strutturat u t-titjib tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa.

VI. JAQBLU LI

28. Ir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażagħ tal-2012 jipprovdi informazzjoni dwar l-isfidi tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ, b'referenza għall-indikaturi rilevanti tal-UE dwar iż-żgħażagħ. Huwa jenfasizza li l-grupp ta' żgħażagħ l-aktar fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali huma l-ħekk imsejħa NEETs (żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni u taħriġ) u jindika li fl-UE-27, ir-rata ta' żgħażagħ fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali hija ta' 29,1 % u hija ogħla minn dik tal-popolazzjoni ġenerali (23,5 %). Dan juri l-importanza li tingħata attenzjoni speċjali lil din il-parti tal-popolazzjoni u li l-inklużjoni soċjali tiġi stabbilita bħala prijorità fil-qasam taż-żgħażagħ;

29. il-prijorità tematika ġenerali tad-Djalogu Strutturat maż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ taċ-ċiklu ta' ħidma li jmiss (il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014) hija għalhekk l-inklużjoni soċjali. Il-prijoritajiet speċifiċi għat-Triju ta' Presidenzi tat-tielet ċiklu ta' ħidma huma stabbiliti fl-Anness;

30. l-oqsma ta' prijorità magħżula jistgħu jiġu kkumplimentati minn kull Presidenza fid-dawl ta' żviluppi ġodda li jista' jkun hemm;

31. l-oqsma ta' prijorità għaċ-ċiklu tat-Triju tal-Presidenzi segwenti (1 ta' Lulju 2014-31 ta' Diċembru 2015) għandhom jiġu ddefiniti qabel il-bidu tal-mandat tiegħu.

ANNESS

Prijoritajiet għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014

Prijorità ġenerali – Inklużjoni Soċjali

Il-prijorità tematika ġenerali għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014 ser tkun l-inklużjoni soċjali. Matul dawn it-18-il xahar, dan is-suġġett ser jiġi diskuss fil-qafas tad-djalogu strutturat. Prijoritajiet speċifiċi għandhom, b'mod sħiħ jew parzjali, jikkontribwixxu għat-tematika ġenerali. L-Irlanda, il-Litwanja u l-Greċja ser jaħdmu flimkien biex jiżguraw l-appoġġ għat-tema ġenerali tal-Inklużjoni Soċjali permezz tal-prijoritajiet nazzjonali tagħhom matul il-kariġa tal-Presidenza rispettiva tagħhom u matul it-Triju ta' 18-il xahar.

Il-kunċett tal-inklużjoni soċjali ser ikun tema ġenerali li tgħaqqad, bl-involviment taż-żgħażagħ kollha, flimkien ma' dawk b'anqas opportunitajiet. Għaldaqstant, it-terminu u l-kunċett ta' Inklużjoni Soċjali ser jitqies u jiġi applikat fis-sens l-aktar wiesa' u ser jiġi kkunsidrat li jakkomoda, u li jinkludi, l-firxa ta' kwistjonijiet li jiffaċċaw iż-żgħażagħ.

1 ta' Jannar 2013-30 ta' Ġunju 2013 – Ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ

Il-Presidenza Irlandiża ser tiffoka fuq il-kontribut ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ biex titjieb l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ kollha. Matul l-ewwel nofs tal-2013 ser jiġu enfasizzati l-kwistjonijiet li ġejjin:

— Il-kontribut ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ għall-iżvilupp u l-benesseri taż-żgħażagħ

— Il-kontribut tal-istandards tal-kwalità fil-ħidma fost iż-żgħażagħ bħala mezz biex jinkisbu eżiti pożittivi għaż-żgħażagħ f'oqsma bħall-iżvilupp personali u soċjali, id-disponibbiltà edukattiva u vokazzjonali eċċ;

— Il-kontribut tal-ħidma fost iż-żgħażagħ għall-kisba tal-miri tal-Ewropa 2020, b'mod partikolari fir-rigward tal-impjiegi għaż-żgħażagħ;

— L-iskambju ta' prattiki tajbin u l-kondiviżjoni tal-għarfien f'dawn l-oqsma fost l-Istati Membri.

1 ta' Lulju 2013-31 ta' Diċembru 2013 – Żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni u taħriġ

Matul it-tieni nofs tal-2013 ser jiġu enfasizzati l-kwistjonijiet li ġejjin:

— it-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ, b'enfasi partikolari fuq żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni u taħriġ (NEETs);

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transettorjali bħala l-prinċipju sottostanti tal-politika integrali dwar iż-żgħażagħ

— l-iskambju ta' prattiki tajbin rigward l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ;

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażagħ bejn żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea u dawk tal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tal-Kawkasu.

1 ta' Jannar 2014-30 ta' Ġunju 2014 – Kultura u Intraprenditorija

Matul l-ewwel nofs tal-2014 ser jiġu enfasizzati l-kwistjonijiet li ġejjin:

— It-tfassil ta' azzjonijiet biex jissaħħaħ l-ispirtu intraprenditorjali taż-żgħażagħ, il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ, b'fokus speċjali fuq l-intraprenditorija soċjali, u "impjiegi ekoloġiċi" u opportunitajiet ġodda ta' impjieg fil-qasam tal-kultura biex titrawwem l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ kollha;

— Iż-żieda fl-aċċessibbiltà taż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk li jgħixu f'żoni mbiegħda, għal teknoloġiji ġodda biex tingħata qawwa lit-talent fost iż-żgħażagħ u jiġi attirat l-interess fil-qasam tal-kultura;

— Il-promozzjoni tal-kontribut tal-ħidma fost iż-żgħażagħ għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-kreattività u l-intraprenditorija taż-żgħażagħ, inkluż l-iskambju ta' prattiki tajbin.